**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Rikors Guramentat numru : 93/12 AL

AB

vs

1) C D (ID 170688 M)
2) Direttur tar-Registru Pubbliku
3) u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2012 l-avukat Dr Joseph Ellis u il-PL Joanna Dingli gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri K D u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2017 il-PL Joanna Dingli giet sostitwita bil-PL Gerald Bonello

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) twieldet tifla K kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru

tmienja tnejn disgha tas-sena elfejn u hamsa (829/2005) (anness u mmarkat bhala Dok A) ;

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid l-imsemmija minuri gie dikjarat illi l-missier tat-tifla K D hija ta' missier mhux maghruf fil-fatt l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri ;
3. Illi l-attur u l-konvenuta C D kellhom relazzjoni u l-minuri taf lill-attur bhala missierha kif jista' jigi ppruvat ampjament tul it-trattazzjoni tal-kawza ;
4. Illi l-paternita tal-minuri K tista tigi stabilita' permezz ta' testijiet genetici appoziti ;
5. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Marzu 2011 l-attur interpella lill-intimata C D sabiex tersaq fuq att notarili ta' rikonoxximent tal-minuri (Dok. B) ;
6. Illi wara li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat il-konvenuta C D bdiet tirrifjuta li taghti access ghat-tifla lill-attur ;
7. Illi l-attur ghandu interess li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid ta' bintu minuri sabiex ikun jista' legalment jezercita d-drittijiet tieghu bhala missier ;
8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri K; u konsegwentement
2. Tordna il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri K (Att Nru 829 tal-2005) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-kliem 'missier mhux maghruf' u tissostitwih bl-isem 'A B' u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta' ghall-post tat-twelid u residenza u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza;
3. Tordna li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe' 'B';
4. Taghti provvediment dwar il-kura u kustodja tal-minuri;

5. Tiffissa hinijiet tal-access li r-rikorrenti ghandu jgawdi versu il-minuri;
6. Tillikwida il-manteniment dovut mill-attur ghall-minuri u tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta C D dak il-manteniment hekk likwidat u konsegwentement tadotta il-ftehim milhuq bonarjament bejn il-partijiet u dan skont kull provvediment iehor li dina il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D, li permezz taghha eccepiet : fol. 7

1. Illi l-konvenuta tikkonferma kemm it-twelid tal-minuri K D, kif ukoll il kellha relazzjoni qasira mal-attur A B;
2. Illi t-talba ta' l-attur, se mai tikkorrispondi mal-verita', jehtieg li tigi ikkonfermata bit-test tad-DNA u dan sabiex tigi stabilita b'certezza l-paternita tal-minuri;
3. Illi tajjeb li l-Qorti tkun taf li t-tifla illum ghandha seba' snin u li matulhom l-istess minuri trabbiet esklussivament mal-omm u ma kellha l-ebda ghajnuna tal-ebda tip mill-attur li issa wara dawn is-snin kollha, permezz ta' dan ir-rikors, qed jivvanta li huwa missier il-minuri;
4. Illi l-konvenuta ma taqbilx illi ghandu jitbiddel il-kunjom tat-tifla u dan wara li t-tifla ilha ghal dawn is-snin kollha maghrufa bhala K D kemm fl-iskola kif ukoll f'kull attivita fejn tipparcepica l-minuri u dan il-kambjament certament ser jaffetwaha b'mod negattiv;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-intimata, filwaqt li tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fir-rigward tal-paternita tal-minuri bintha, titlob lil dina il-Qorti sabiex issir it-test tal-paternita' ta' l-attur u fil-kaz ta' ezitu pozittiv, tordna li l-kunjom tal-minuri jibqa' D;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa; fol 31

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel t-talba ta' l-attur l-esponent jinvita lil istess attur A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri K, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmiha minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla K. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex eventwalment jiġu inseriti fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmiha Kelli bin-numru ta' reġistrazzjoni 829 tas-sena 2005;

3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Joanne Dingli noe, li peremzz taghha eccepew : fol 54

1. Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lit-tifla minorenni K D, mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2015, illi permezz tiegħu, il-Qorti awtorizzat żieda fit-talbiet attriċi, talbiet relattivi għall-kura u kustodja, drittijiet ta' aċċess u manteniment fr-rigward tal-minuri soġġett ta' din il-kawża;

Rat id-digriet tagħha tat-2 t'Ottubru 2012[1], kif ikkonfermat bid-digriet tagħha tad-19 t'Ottubru 2012[2], illi permezz tiegħu il-Qorti ordnat illi l-attur ikollu aċċess għal bintu minuri kull nhar ta' Tlieta u Ħamis mit-3.00pm sas-6.00pm u kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00am u s-7.00pm.

Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluż l-affidavits tal-attur[3] u ta' Dr. Marisa Cassar[4];

Rat illi l-attur ottempera ruħu mal-provvedimenti tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili[5] u permezz tal-ittra uffiċjali nnumerata erbgħa u tletin tas-sena elfejn u ħdax (34/11)[6] huwa nforma lill-konvenuta bil-ħsieb tiegħu li jirrikonoxxi lill-minuri K bħala bintu.

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr. Marisa Cassar u ppreżentat fit-18 ta' Ġunju 2013[7].

---

[1] Fol. 45A
[2] Fol. 46
[3] Fol. 35
[4] Fol. 65 bir-rapport xjentifiku anness miegħu
[5] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[6] Kopja legali tinsab esebita fol. 6
[7] Fol. 60 et seq.

Semgħet ix-xiehda tal-attur[8].

Rat in-nota tal-attur[9] illi permezz tagħha huwa indika d-dettalji tiegħu.

Rat illi permezz ta' skrittura privata ddatata is-7 ta' Mejju 2013[10], il-partijiet laħqu ftehim bejniethom dwar l-aspetti tal-kura u kustodja, drittijiet ta' aċċess u manteniment fir-rigward tal-minuri.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri K mitwielda lill-konvenuta C D fl-4 ta' Marzu ta' 2005[11]. Sal-lum, din hija dikjarata bħala bint missier mhux magħruf u ġġorr il-kunjom tal-omm, ossia D.

Il-konvenuta taqbel li fiż-żmien qabel it-twelid tal-minuri hija kellha relazzjoni qasira mal-attur, iżda titlob illi jsir it-test tad-DNA sabiex tiġi stabbilita b'ċertezza l-paternita` tal-minuri.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern, ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri K. Fil-fatt, l-esperta Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi *"Mit-testijiet li għamilt irriżulta illi A B (ID No. 215489M) hu l-missier naturali ta' K D."* It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar l-istess paternita'. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li K hija l-wild naturali tar-rikorrent. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur.

---

8 Seduta tat-18 ta' Ġunju 2013, fol. 59

9 Iddatata il-25 ta' Settembru 2014, fol. 71, biċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu anness.

10 Fol. 79

11 Ċertifikat tat-twelid relattiv, fol. 4

## DWAR IL-KUNJOM TAL-MINURI

Il-minuri K, mertu ta' din il-kawża, llum għandha tnax-il sena. Ommha il-konvenuta C D, toġġezzjona[12] li l-minuri ssir magħrufa bil-kunjom tal-missier naturali u dana stante li l-minuri fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali tagħha, inkluż l-iskola, minn dejjem kienet magħrufa bħala K D. Hija ssostni li kwalsiasi tibdil f'kunjom il-minuri sejjer jaffetwaha negattivament.

Rat illi l-attur iddikjara[13] li m'għandu l-ebda oġġezzjoni illi kunjom il-minuri jkun B D.

Il-Qorti, f'dak li jirrigwarda l-kunjom li jkollha l-minuri, għandha quddiemha **biss** l-aħjar interess ta' it-tifla, li fil-preżent għandha oltre tnax-il sena u nofs u hija  magħrufa bil-kunjom tal-omm D. Għalhekk huwa fl-aħjar interess tagħha li f'dan l-istadju tibda ssir magħrufa bil-kunjom tal-missier "B" jew ossia taż-żewġ ġenituri "B D"? Il-jeddijiet u x-xewqat tal-ġenituri huma għal kollox irrelevanti, meta mqabblin mal-interess tal-ulied.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-minuri ilha wisq magħrufa bil-kunjom D u tħossha ftit kiefra li tibdel il-kunjom ta' K f'dan l-istadju pjuttost teneru f'ħajjitha, fejn hija diġa adoloxxenti, fażi tal-ħajja li ġġib magħha ċertu taqlib emozzjonali u instabbilita`. Il-Qorti ma tixtieqx li tkompli tikkomplika l-ħajja tal-minuri billi tibdillha kunjomha. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex, ai termini tal-Artikolu 92, sub-inċiż 6 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-minuri K tibqa' magħrufa bil-kunjom D. Dana m'għandu jnaqqas xejn mill-involviment tal-missier fil-ħajja tal-minuri li tista' tibbenefika minn relazzjoni tajba ma' missierha, filwaqt illi tevita li tgħaddi minn xi esperjenzi negattivi minħabba l-bdil tal-kunjom tagħha.

## DWAR IL-KAP TAL-ISPEJJEŻ

---

[12] Kemm fir-risposta ġuramentata tagħha kif ukoll kif ukoll fir-risposta tagħha tas-6 ta' Marzu 2015, fol. 91

[13] Fl-udjenza tal-25 t'Ottubru 2017

Illi jirriżulta li qabel ma ntavola dawn il-proċeduri, l-attur kien ippreżenta ittra uffiċjali fil-konfront tal-konvenuta fejn kien infurmaha bl-intendiment tiegħu li jirrikonoxxi lil bintu. Din l-ittra ġiet debitament notifikata lill-konvenuta li min-naħa tagħha għażlet illi ma tweġibhiex. Illi għaldaqstant għandha tkun il-konvenuta C D illi tbati l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-minuri K imwielda fl-4 ta' Marzu 2005 minn C Baldaccchino hija l-bint naturali tal-attur A B detentur tal-karta tal-identita` 215489(M).

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri K, att numru tmien mija u disgħa u għoxrin tas-sena elfejn u ħamsa (829/2005), huwa jikkanċella l-kliem 'unknown father' u minflok jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 215489(M), li meta twieldet il-minuri kellu ħmistax (15)-il sena, imwieled fil-Pieta` u residenti Marsaxlokk u huwa iben Anthony B li kien ħaj fil-mument tat-twelid tal-minuri.

3. Tiċħad it-tielet talba attriċi u tordna illi l-minuri tibqa' magħrufa bil-kunjom D. Għaldaqstant tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

4. Tilqa' r-raba', il-ħames u s-sitt talba tal-attur billi <u>għab-bażi tal-ftehim bejn il-partijiet</u> tordna illi:

a. Il-kura u l-kustodja tal-minuri K qed tiġi fdata f'idejn il-konvenuta b'dan illi l-minuri għandha tirrisjedi regolarment mal-konvenuta fir-residenza tagħha. Deċiżjonijiet straordinarji dwar saħħa u edukazzjoni tal-minuri, għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet flimkien fl-aħjar interess tal-minuri. F'każ t'emerġenza, dik il-parti li magħha tkun il-minuri f'dak il-ħin, għandha tieħu dawk id-deċiżjonijiet urġenti li għandhom jittieħdu fl-aħhar interess tal-minuri u timpenja ruħha li tinforma lill-parti l-oħra f'qasir żmien. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, kull parti għandha l-jedd li tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti kompetenti.

b. L-attur jista' jitlob u jottjeni kull informazzjoni fuq l-andament tat-tifla fl-iskola kif ukoll fuq dawk l-attivitajiet skolastiċi organizzati mill-iskola jew/u minn kull entita` edukattiva jew reliġjuża li tattendi t-tifla kif ukoll li jattendi għall-parents' day, sports day u attivitajiet oħra simili.

c. L-attur għandu dritt t'aċċess għall-minuri darbtejn fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa u cioe kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ħamis għal tliet sigħat kull darba u darba s-Sibt mit-tmienja ta' filgħodu (8.00am) sas-sebgħa ta' filgħaxija (7.00pm). Fi żmien sitt xhur mill-preżenti, il-partijiet għandhom jiftiehmu bejniethom dwar *sleepover* u fin-nuqqas ta' qbil jirreferu l-kwistjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti.

d. L-aċċess iffissat ma jkunx applikabbli għall-ġranet li ser jissemmew u konsegwentement, f'dawn l-istess ġranet, l-aċċess għall-minuri ikun kif ġej:

i. Fil-ġurnata t'għeluq snin il-minuri, il-ġenitur li ma jkollux aċċess għall-minuri, ikollu dritt ta' aċċess għal minimu ta' sagħtejn.
ii. Fil-ġurnata tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena l-aċċess għall-minuri għandu jalterna bejn il-partijiet.
iii. F'Jum l-Omm, il-minuri tqatta' l-ġurnata mal-omm.
iv. F'Jum il-Missier, il-minuri tqatta' l-ġurnata mal-missier.
v. F'għeluq snin il-missier, l-attur għandu jkollu aċċess għall-minuri għal minimu ta' tliet sigħat.

e. L-attur qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-omm manteniment għall-minuri fl-ammont ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240) fix-xahar. Spejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri jkunu a karigu tal-konvenuta. Il-manteniment għandu jkun depożitat mal-Bank of Valletta p.l.c. permezz ta' *standing order* favur il-kont kurrenti numru erbgħa żero żero wieħed sebgħa disgħa żero tlieta tlieta tnejn ħamsa (40017903325). Il-manteniment jogħla kull sena skont l-għoli tal-ħajja hekk kif ippubblikat fl-indiċi tal-inflazjoni pubblikat kull sena.
f. Il-manteniment jibqa' jitħallas mill-attur sakemm il-minuri tagħlaq tmintax-il (18) sena, u fl-eventwalita` li tibqa' tistudja b'mod fiss, il-manteniment jibqa' jitħallas sa tlieta u għoxrin sena u dana sakemm bint il-partijiet tkun għadha qed tirrisjedi mal-omm. Il-manteniment għal K jispiċċa hekk kif hija tibda taħdem b'mod fiss.

g. Iċ-*children's allowance* u kwalunkwe benefiċċji oħra għandhom jiġu perċepiti mill-omm.

h. Il-minuri għandu jkollha passaport għaliha u ħadd mill-partijiet m'għandu jsiefer bil-minuri mingħajr il-kunsens bil-miktub espress taż-żewġ ġenituri, u dan mhux inqas minn xahar qabel ma tkun prospettata s-safra. B'dan illi f'każ illi xi parti għal raġuni frivola jew mhux ġustifikata tirrifjuta l-kunsens tagħha, il-parti ll-oħra għandha dritt li tirrikorri għall-Qorti kompetenti sabiex tottjeni l-awtorizzazzjoni għas-safra mal-minuri. Il-ġenitur li jkun qed jitlob li jsiefer lill-minuri għandu jagħti lill-ġenitur l-ieħor id-dettalji kollha ta' fejn ser tkun toqgħod il-minuri fil-perjodu li tkun barra minn Malta. Il-partijiet huma obbligati li jiffirmaw l-applikazzjoni neċessarja għall-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-passaport. Il-passaport tal-minuri jinżamm mill-omm.

Bl-ispejjeż, kif intqal, kontra l-konvenuta C D.